# DEVOZZJONIJIET TAL-BORMLIŻI LEJN L-IMMAKULATA

*minn Kan. Prop. Joseph Bonello*



## Il-Ħmistax-il Sibt qabel il-Festa u n-Novena fil-għodu kmieni

Id-devozzjoni lejn Marija Immakulata f'Bormla hija antika ħafna. Il-Parroċċa twaqqfet madwar is-sena 1584 u mill-ewwel kienet iddedikata lill-Madonna. Għalkemm l-ewwel titular kien il-Madonna tas-Sokkors, il-Knisja kienet tissejjaħ tal-Kunċizzjoni, u l-festa prinċipali kienet issir fit-8 ta' Diċembru. Maż-żmien din id-devozzjoni lejn il-Kunċizzjoni dejjem bdiet tikber; saret statwa tal-Madonna u twaqqfet Konfraternità biex tkabbar iżjed l-imħabba lejn il-Madonna; tant li fil-25 ta' Ġunju 1905 saret l-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Kor mill-kardinal Domenico Ferrata, u fis-sena 1955 il-Kardinal Tedeschi poġġa stellarju madwar ras il-Madonna.

Il-Kapitlu ta' Bormla dejjem ħabrek u għamel minn kollox biex ikabbar din id-devozzjoni, iktar u iktar bil-ħmistax-il Sibt u bin-Novena li għadha poplari sal-ġurnata tal-lum.

### Is-Sibtijiet

Hija drawwa antika fil-parroċċa ta' Bormla li tliet xhur qabel il-Festa tal-Kunċizzjoni jsiru ħmistax-il Sibt bħala tħejjija. F'dawn is-Sibtijiet issir funzjoni speċjali Marjana fejn issir priedka fuq il-Madonna, tingħad il-Kurunella tal-Kunċizzjoni u jitkantaw l-Ave Maris Stella u s-Salve Reġina.

L-ewwel Sibt, li dejjem jaħbat l-aħħar Sibt ta' Awissu, isir b'sollennità speċjali. Nhar il-Ġimgħa, lejliet l-ewwel Sibt, tindaqq nota sollenni bil-qniepen kollha, u ssir mixegħla fit-triq ta' ħdejn il-Knisja. Is-Sibt, wara l-quddiesa



*Il-Kardinal Tedeschini jpoġġi l-istllarju madwar ir-ras tal-Madonna 1955,*

tas-6.00 p.m. ikun hemm Ċelebrazzjoni
Marjana fuq iż-żuntier. Fl-antik kienet ukoll iddoqq il-banda Bormliża San Ġorġ.

Il-Bormliżi huma devoti ħafna ta' dawn is-Sibtijiet. Ħafna huma dawk li jitqarbnu u jattendu għaċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru f'dawn is-Sibtijiet. Hekk ikollhom garanzija li meta tasal il-festa jkunu ppreparati għaliha kif jixraq bħala veri wlied ta' l-Immakulata.

## In-Novena

Fl-antik in-Novena kienet tibda fil-għodu kmieni: fil-ħamsa kienet toħroġ il-quddiesa li fiha ssir priedka minn xi predikatur magħruf. Il-Knisja siegħa qabel kienet tkun diġà fgata bin-nies, tant li l-predikatur kien jiskanta meta anke fix-xita u l-maltemp, in-nies xorta waħda kienet tiġi għan-Novena.

Daż-żmien, in-Novena tibda fis-5.45 a.m. u l-knisja tkun mimlija bil-Bormliżi. Tiskanta bil-għadd ta' żgħażagħ, ġuvintur u tfajliet barra l-irġiel u n-nisa. Ikanta l-Kor tagħna Tota Pulchra, u dejjem jiġi magħżul Predikatur ta' fama; din is-sena l-predikatur kien Fr. Ġorġ Frendo O.P., li ta pjaċir lil kulħadd.

L-Aħħar ġurnata tan-Novena tkun speċjali. Il-quddiesa toħroġ fis-7.00 a.m. Il-Predikatur jagħmel esordju minn fuq il-prespiterju u jispiċċa bl-għajta ta' "Viva l-Immakulata". Wara jkompli jippriedka fuq il-pulptu u jispjega l-istorja kollha tad-Domma tal-Kunċizzjoni, u jispiċċa b'applawż kbir minn kulhadd.


*Il-festa wara l-gwerra. L-istatwa ghaddejja qalb il-bini mwaqqa'*

L-Attendenza għal din il-funzjoni speċjali dejjem kienet kbira ħafna. Qabel il-gwerra, u għal għadd ta' snin warsa l-gwerra, wara it-Te Deum, il-Banda San Ġorġ kienet tagħmel marċ mat-toroq ta' Bormla. Dan iż-żmien isir il-marċ brijuż nhar il-festa wara nofsinhar.

## In-Novena wara l-aħħar gwerra

Wara l-gwerra ta' 1940 - 44 Bormla bdiet terġa tieħu r-ruħ, u l-Bormliżi bdew jirritornaw lejn pajjiżhom. Fid-19 ta' Novembru 1944 sar il-Pellegrinaġġ bl-istatwa u l-kwadru tal-Kunċizzjoni minn Birkirkara għal Bormla, u f'Diċembru 1944 saret l-ewwel festa f'Bormla ta' wara il-gwerra; iżda għalkemm il-festa kienet suċċess, Bormla kienet imfarrka sewwa u kienet kważi vojta; ħafna djar kienu għadhom imwaqqa', u eluf ta' Bormliżi kienu għadhom bogħod minn Bormla. Festa kbira f'Bormla wara l-gwerra, kienet dik tas-sena 1954, (39 sena ilu) meta l-popolazzjoni bdiet tikber sew u ħafna djar ġew mibnija mill-ġdid.

## L-Anniversarju tal-Pellegrinaġġ

Il-festa tas-sena 1945 bdiet nhar it-18 ta' Novembru 1945 meta saret it-tifkira tal-famuż Pellegrinaġġ li kien sar is-sena ta' qabel (1944) minn Birkirkara għal Bormla. Fid-9.00 a.m. saret quddiesa kantata u fit-3.00 p.m. sar għasar kantat. Id-diskors dwar il-Pellegrinaġġ sar mill-Kanċellier tal-Kurja Mons. Enrico Bonnici. Wara saret il-funzjoni ta' Salve, Te Deum, u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Il-mużika kienet taħt it-treġija tal-Bormliż Surmast Luigi Vella Mizzi.

Saret mixegħla ġenerali ma' Bormla kollha, u l-Banda ta' San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, wara li daret ma' Bormla b'marċi brijużi, daqqet programm mużikali fi Pjazza Paolino Vassallo.

## In-Novena tas-sena 1945

Għalkemm Bormla kienet għadha nofsa vojta, ħafna Bormliżi ġew minn bnadijiet oħra fejn kienu rifuġjati; ħafna organizzaw "privates" biex ikunu jistgħu jiġu għan-Novena. Niftakar lil Dun Ġużepp Minuti, illum Monsinjur jorganizza "private" miż-Żejtun li kienet titlaq f'dlam ċappa fl-4.30 a.m.

Il-Predikatur tan-Novena kien il-Bormliż Patri Tarcisio Licari, karmelitan, li ta pjaċir lil kulħadd bil-priedki sbieħ tiegħu, tant li n-nies kienu jiżdiedu kuljum minn jum għall-ieħor, l-aħħar ġurnata tan-Novena kienet trijonf għall-Madonna; il-Knisja kienet ippakkjata u kulħadd sodisfatt bis-suċċess tan-Novena.

## Il-Paneġierku

Sa qabel il-gwerra, il-Paneġierku kien isir bit-Taljan; hekk kien isir fil-Kolleġġjati l-oħra wkoll; iżda wara l-gwerra beda jsir bil-Malti. Il-Bormliżi aktar milli dilettanti tal-logħob tan-nar u tal-marċijiet, iħobbu ħafna l-funzjonijiet tal-Knisja, l-iktar il-Quddiesa Sollenni kantanta bil-Paneġierku ta' nhar il-festa. Fis-sena 1988, Il-Paneġierku dam siegħa u nofs, u xorta waħda kulħadd baqa' fil-knisja, fejn ħafna rġiel baqgħu bil-wieqfa sakemm spiċċat il-quddiesa fin-12.30 p.m.

Għall-grazzja ta' Alla għad hawn ħafna Maltin li ma jixbgħu qatt jisimgħu fuq il-Madonna. J'Alla dawn id-devozzjonijiet ikunu mezz biex nersqu iktar lejn Alla, lejn is-Sagramenti u lejn il-Knisja Ad Jesum per Mariam.

**Kan. Jos. Bonello**


**Gondolier Hall**

***PROP. CARMEL CALLEJA***

**Hall Fully Airconditioned.**
**Accepts Bookings for Weddings,**
**Engagements, etc.**

Gudja Road,
Tarxien

Tel: 692925
800181

